# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf














BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 75

Lulju - Awwissu 2006



# X'għandna?


editorjal 2
aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
X'se Naraw? 5
avviżi 6
ittra 6
Il-veru ħadna pjaċir... 6
gallerija 7
Bl-għeruq u x-xniexel 7
Falko 8
Erba' bramiet 8
Enerġija 9
Sibtha fix-Xibka 10
Daħħal membru 10
ħotspots: In-Namib 11
Ħondoq ir-Rummien 12


Meta kont daqskom kont nixxala fil-baħar qisni ndimunjat! Wara sigħat nitqanfed (u xi erba' majnati m'għand ħuti l-kbar) kont nitla' niekol biċċa ħobż, u nintefa' nbandal saqajja fuq il-blat.

Waqt li kont inkun hemm nistenna l-ikel jinżel kont inħares lejn l-art madwari u kont nara ċ-ċaqliq żgħir tar-residenti tal-blat u l-għadajjar sejrin għall-affari tagħhom. U bdejt ninduna li jekk tħares sew issib dinja oħra ta' ħajja. Dinja fiċ-ċokon.



F'xatt il-baħar jgħixu ħafna ħlejjaq żgħar, speċjalment jekk ikun xatt bil-blat. Jekk titbaxxa u tressaq wiċċek lejn dawk l-għadajjar żgħar ta' ilma baħar fil-blat, tiskopri ħafna ħlejjaq interessanti. Bebbux, granċijiet, imħar, artikli, gambli u ħut żgħir. Bi ftit paċenzja u b'għajnejn ta' detektiv ambjentalist kollha tista' ssibhom! Li rridu niftakru hu li dawn huma annimali żgħar u ħafna minnhom esperti tal-kamuflaxx bħal l-imħar u xi bebbux, uħud jafu jistaħbew bħall-granċijiet, u oħrajn anke trasparenti bħal xi gambli! Għalhekk mhux dejjem faċli ssibhom, imma dik hija parti mill-gost tal-logħba. Min ma jħobbx jilgħab noli! Jekk tkunu qed tosservaw għadira żgħira, importanti li ma tbagħbsux fl-ilma, għax tgerrxu kollox. In-naturalist mhux hekk jagħmel. In-naturalist joqgħod bil-paċenzja jfittex b'għajnejh, isib, josserva u jitgħallem.

Hej, jekk tkunu fix-xemx qis li tilbsu kappell, flokk, nuċċali tax-xemx u ndilku bis-sanblok għax max-xemx ma tiċċajtax. U jekk il-blat inigżeż ilbsu biċċa sandli.

Ċaw ħbieb, u bilħaqq: jekk għandkom ħutkom żgħar... tagħtuhomx majnati :-)

**Victor Falzon** L-Editur



Il-kamaleonti (Mediterranean chameleon *Chamaeleo chamaeleon*) huwa famuż għax ibiddel il-kuluri. Ħafna nies jaħsbu li jekk kamaleonti joqgħod fuq l-aħmar jisplodi jew imut! Dan mhux veru, għax la l-aħmar u lanqas ebda kulur iehor mhu ha joqtlu. L-għedewwa tal-kamaleonti huma s-sriep, il-kesħa, il-bexx, xi daqqa ta' ġebla, il-qtates u t-traffiku fil-kampanja.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Matthew Borg Cardona, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo, Mariangela Meli.



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod iehor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Awwissu 2006
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt ta' quddiem: Kamaleonti, ritratt ta' Victor Falzon
Ritratt ta' wara: Ħondoq ir-Rummien, ritratt ta' Joe Sultana
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet.
Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**

# 4 ċittadini Maltin!


Ray Galea

Il-ħuttaf reġa' bejjet, did-darba f'garaxx fil-Mellieħa! Par ħuttafiet rabbew b'suċċess familja ta' erbgħa.

Il-ħuttaf mhux soltu jbejjet hawn Malta. L-eluf ta' ħuttaf li naraw fir-rebbiegħa u l-ħarifa jkunu tal-passa u jdumu magħna biss xi ftit ġranet, imbagħad ikomplu l-vjaġġ. Għalhekk meta par ħuttaf jiddeċiedu li jbejtu, għalina tal-BirdLife din hja ħaġa speċjali.

Dis-sena kienet ir-raba' darba li nafu li bejtu l-ħuttaf f'Malta. L-ewwel darba kien fl-1974, imbagħad fl-1995 (wara 21 sena), imbagħad fl-2004 (wara 9 snin) u issa fl-2006 wara sentejn biss!

Tgħid se ssir drawwa? Min jaf is-sena d-dieħla jitħajrux jerġgħu jbejtu? Aħna malli nkunu nafu b'xi ħaġa ninfurmawkom f'dawn il-paġni.

Fir-ritratt tax-xellug jidhru l-frieħ kważi lesti biex jitgħallmu jtiru. Innutaw il-bejta magħmula minn taħlita ta' tajn u tiben, li l-ġenituri jwaħħlu mal-ħajt. Dak it-tiben jgħin biex meta t-tajn jinxef ma jinqasamx.

# Wasal it-tmiem ta' Ħondoq ir-Rummien?


Victor Falzon

Erba' snin ilu (*Il-Ħuttafa* 53) konna ktibna li hemm proġett li bih ħa jirvinaw wied sabiħ f'Għawdex jismu Ħondoq ir-Rummien. Dak iż-żmien konna sperajna li dil-ġennata ma ssirx, għax biha nkunu tlifna għal dejjem rokna oħra naturali mill-gżejjer sbieħ tagħna. Il-biċċa mbagħad kienet ikkwitat u ħsibna li mietet.

Imma l-mostru ma kien miet xejn, imma rieqed biss. Anzi waqt li kien rieqed bidel il-ġilda biex forsi jidher sabiħ. X'jiġifieri? Jiġifieri min ħolom bil-proġett irranġa ftit il-pjanijiet biex taparsi jidher iktar "naturali".

Ara kif jista' jkun f'wied żgħir bħal Ħondoq ir-Rummien tibni lukanda 5-star, 25 villa u 260 apartament u tgħid li se jsebbaħ l-ambjent! Kemm ħasbuna injoranti!

Min ħolom b'dal-proġett mhux isebbaħ l-ambjent irid, imma jagħmel muntanja flus. Għalhekk bħalma ktibna erba' snin ilu nerġgħu niktbuh illum: **proġetti bħal dawn, li jridu jkomplu jnaqqru l-ftit kampanja li baqgħalna, imisshom jintremew mill-ewwel.**




# Vjaġġ inkredibbli!



Il-**garnija sewda** (sooty shearwater) għadha kemm kisret ir-rekord dinji ta' l-itwal vjaġġ f'sena waħda.

Insomma proprjament dawn il-vjaġġi ilhom isiru probabbli eluf tas-snin, imma konna għadna ma nafux il-verità! Imma s-sena l-oħra xjenzati fi New Zealand qabdu 33 garnija sewda, waħħlulhom apparat żgħir elettroniku u reġgħu telquhom. Sena wara (jiġifieri ftit ġimgħat ilu), reġgħu qabduhom fl-istess post u neħħewlhom l-apparat. L-apparat wera li kull għasfur kien għamel vjaġġ ta' 74,000km! Rekord assolut.

S'issa r-rekord għall-itwal vjaġġ f'sena konna naħsbu li tagħmlu ċ-ċirlewwa ta' l-artiku (arctic tern) li min-North Pole tinżel sas-South Pole u lura, vjaġġ ta' 35,000km. Imma l-garnija sewda tant toħodha bid-dawra li l-vjaġġ tagħha huwa iktar mid-doppju taċ-ċirlewwa.

Il-garnija sewda hija kuġina prima tal-garnija (yelkouan shearwater) li tbejjet fl-irdumijiet tagħna. Fil-fatt għandhom l-istess kunjom xjentifiku *Puffinus*.

# Serp kamaleonti!

M'ilux sabu serp li kapaċi jbiddel il-kulur tal-ġilda bħal kamaleonti.

Fl-inħawi tax-xmara Kapuas, fil-qalba tal-foresta tropikali tal-**Borneo**, xjenzati skoprew serp żgħir ħamrani. Ftit minuti wara ċċekkjawh u sabu li kien sar abjad! Is-serp ingħata l-isem Kapuas Mud Snake.

Fil-Borneo mhix ħaġa rari li jsibu annimali ġodda - f'dawn l-aħħar 10 snin instabu hemmhekk 361 speċi ġdida ta' flora u fawna. Il-ħasra hi li l-Borneo qed tinqered bil-qtugħ tal-foresti. Is-soltu storja...








# Ftit kura sura!

Fl-aħħar **Madagascar** ħa jibdew jibżgħu għalih! Għakemm għad hemm ħafna faqar, il-gvern t'hemmhekk qal li din mhix skuża biex ikomplu jirvinaw l-ambjent naturali ta' din il-gżira enormi li tinsab ħdejn l-Afrika.

Il-pjan hu li jżidu n-numru ta' parks, ikabbruhom u jgħaqqdu uħud minnhom flimkien. L-art protetta jridu jżiduha minn 1.7miljun ettaru għal 6 miljun ettaru (biċċa art kważi 200 darba daqs Malta!)

Wara l-Brażil, Madagascar huwa l-iktar pajjiż fid-dinja li għandu natura endemika, jiġifieri flora u fawna li ma ssibhom imkien iktar. Hemm xi 10,000 speċi ta' pjanti, 316 rettili (inkluż ħafna kamaleonti), 109 għasafar u diversi mammiferi, fosthom 49 speċi ta' lemur.

Ħafna mill-inħawi protetti se jkunu foresti u *wetlands*. *Wetland* tkun art viċin jew mgħarrqa bl-ilma, bħal *marshes*, għadajjar u xmajjar.






# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu l-għasafar



## il-bufula passajra

*subalpine warbler – Sylvia cantillans*

Il-bufula passajra hija waħda mill-ewwel għasafar li jpassu mill-Ewropa, u f'Lulju jkunu diġà bdew jidħru. Dawn, wara li lestew mill-bejta, jaqbdu triqithom lejn l-Afrika. Jibqgħu neżlin 'l isfel mid-deżert tas-Saħara. Dawk li jieqfu jistrieħu f'pajjiżna spiss tarahom qalb il-weraq tat-tin, fejn isibu x'jieklu mill-frott tas-siġra.

Bħal daż-żmien, il-bufula passajra tkun iktar ċara milli fir-rebbiegħa. Ir-raġel ikun jagħti fil-griż minn fuq u l-aħmar ta' taħt ma jibqax skur daqs kemm kien fl-istaġun tal-bejta. Il-mara tkun kannella ċar minn fuq, abjad maħmuġ minn taħt u bil-ġwienaħ iktar skuri b'daqqiet suwed.

(*Għasafar Madwarna* p 40)

## il-kwakka

*night heron – Nycticorax nycticorax*

Il-kwakka hija tip ta' russett. Isimha ġej mill-għajta tagħha, li ġieli tinstema' waqt li tkun qed tpassi, speċjalment fis-sikta tal-lejl. Il-kwakka żżomm fi qtajjiet li jista' jkun fihom iktar minn 50 tajra. Meta ttir tidher bla għonq għaliex għonqha żżommu milwi lura bejn rasha u spallejha. Il-ġwienaħ mhumiex twal daqs tar-russett griż jew russett aħmar.

Meta xi qatgħa kwakk tinżel biex tistrieħ matul il-jum (dejjem jekk iħalluha), ġeneralment tistaħba qalb il-frieghi tas-siġar u ma toqgħodx fil-miftuħ. Il-frieħ jingħarfu faċilment għax ikunu kannella. Il-kbar ikunu suwed minn fuq u griżi minn taħt.

(*Għasafar Madwarna* p 8)

Jekk għandek Internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti taż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħoss li jagħmlu. Grazzi lil Denis Cachia, il-webmaster tal-BirdLife.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed.

# FTAKAR

Kull sena li inti ġġedded il-miżata fi **Klabb Ħuttaf** nibagħtulek poster kbir bil-kulur mis-sensiela *Hieles, Ħaj u Sabiħ!* Kull sena l-poster ikollu għasfur differenti. Did-darba l-għasfur huwa **russett tas-siġar**



# Ħuttafattiva

L-iskema Ħuttafattiva li konna bdejna f'Jannar 2004 issa ser tispiċċa. Jekk hemm minnkom li faddaltu mhux inqas minn 10 stikers (50 punt) fuq il-karta li konna bgħatnielkom, ibagħtuhielna bil-posta u nsarrfuhielkom f'pitazzi ġodda li għadna kemm ħriġna!

# Sibna Serp Sabiħ



Jonathan Cauchi 11

Sur Editur,

Dil-ġimgħa għal xi 1.00 am meta ommi u missieri ħarġu bil-klieb tagħna, raw xi qtates fit-triq qed jippruvaw jaqbdu xi ħaġa. Meta marru jaraw sabu serp żgħir ta' xi 46ċm li beda jitkagħweġ u jgħolli denbu bħala sinjal ta' ġlied u difiża.

Ommi daħlet id-dar u wara li libset l-ingwanta ġabret dan is-serp li kien wisq sabiħ. Dan kien ta' kulur griż ħadrani b'tikek kannella ma' tulu kollu. L-ilsien skur beda dieħel u ħiereġ bħalma jagħmel kull serp ieħor. Qatt ma konna rajna bħalu u għalhekk morna nfittxu dwaru fil-ktieb *Wildlife of the Maltese Islands.* Sibna li kienet lifgħa u bl-ingliż jgħidulha *leopard snake*, li tikber madwar 100ċm u hija skarsa f'Malta.

Ommi u missieri ħaduha fejn ħasbu li kien l-aħjar għaliha, jiġifieri ġo l-aħħar biċċa għalqa li fadal maġenb is-siġar tat-triq tar-Rabat. Nispera li għamlu l-aħjar għażla għax annimal sabiħ bħal dan żgur ma kinitx tixraqlu l-mewt. Fil-ktieb hemm li dan jiekol annimali żgħar u hemmhekk jixbaħ il-ħabitat tiegħu. F'din l-għalqa mhux l-ewwel darba li sibna qniefed u żringijiet fix-xitwa wara li tagħmel xi naqra xita wkoll.

Victoria Cauchi
Rabat

*Għażiża Victoria,*

*Dak li ktibt għoġobni immens għal sitt raġunijiet:*

1 *Għax tidhru li intom familja li tħobb n-natura. Ħafna nies kif jaraw serp jarmaw iwerżqu, jagħtuh daqqa ta' ġebla u joqtluh!*
2 *Għax salvajtuh mill-mewt - il-qtates joqtlu ħafna annimali, speċjalment gremxul, wiżgħat, sriep u għasafar.*
3 *Għax fittixtu fil-kotba biex titgħallmu iktar dwaru, u minn kif iddeskrivejtu, u mill-istampa li pinġielna ħuk, mhemmx dubju li kienet lifgħa.*
4 *Għax gawdejtu sigriet ieħor milli toffri n-natura Maltija.*
5 *Għax is-serp tlaqtuh mill-ġdid fin-natura, u jidher li sibtulu post tajjeb għax il-lifgħa spiss tkun fl-għelieqi.*
6 *Għax għoġbok taqsam din l-esperjenza magħna!*

*L-Editur*

# "Il-veru ħadna pjaċir..."

Juan Ellul Pirotta




**Il-ħarġa bil-lanċa għal Ta' Ċenċ (14 Lulju 2006 ) marret tajjeb ħafna. Konna iktar minn 100, tant li kellna nużaw żewġ laneċ flok waħda! Fir-ritratt tidher waħda mil-laneċ imdawra b'qatgħa ċief. Innutaw l-irdum ta' Ta' Ċenċ fuq wara. Insomma, kienet esperjenza tal-ġenn.**

**Ibagħtulna t-tpinġijiet** naturali tagħkom (mhux annimali domestiċi). Tinsewx isimkom, età, u isem l-annimal jew pjanta.



**brajmla**
Ludwig Camilleri 10



**daqquqa tat-toppu**
Roxanne Spiteri 8



**denfil**
Nicole Inguanez 10



**tiġieġa tal-baħar**
Ian Mangion10



**żiemel il-baħar**
Kurt Schembri 12



**ċinju**
Janice Magri 8



**fras-servjent**
Warren Ciappara 10



**farfett il-lejl**
Carl Borg 7
Mariette Borg 11



**kelb il-baħar abjad**
Luke Farrugia 9

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

## Ħarsa lejn siġar indiġeni ta' Malta

## L-Għargħar

araar
*Tetraclinis articulata*

L-għargħar hija mill-familja taċ-ċipressa u l-ġniepru. Hija tagħmel il-prinjol[1] u għalhekk tissejjaħ konifera.

Fis-selvaġġ, l-għargħar tikber biss f'Malta, fit-Tuneżija, fl-Alġerija, fil-Marokk u fix-xlokk ta' Spanja... u mkien iktar fid-dinja!



is-siġra

Desirée Falzon

L-għargħar kapaċi tikber qalb il-blat tax-xagħri fejn ftit hemm ħamrija u fejn tinżel inqas xita mill-medja ta' Malta. Hija wkoll waħda mill-ftit koniferi li anke jekk tinħaraq kapaċi terġa' ssaġar. Għalhekk hija tassew siġra ideali biex titħawwel fl-ambjent tal-Mediterran.

F'Malta għandna żewġ imkejjen naturali fejn jikber l-għargħar: fil-Maqluba (ħdejn il-Qrendi) u madwar il-Mellieħa. F'Wied il-Għasel (ħdejn il-Mosta) fadal żewġ għargħariet imqabbdin mal-blat ta' l-irdum - żewġ siġriet li b'xorti tajba ma ntlaħqux mill-mogħoż u l-iżvilupp. Dawn huma fdal ta' masġar li sa elf sena ilu kien jiksi medda kbira ta' art. Minn dan kollu illum l-għargħar ħalliet tifkiritha f'ismijiet ta' postijiet bħal Ħal Għargħur u San Ġwann ta' l-Għargħar.

Fis-selvaġġ, l-għargħar tikber bil-mod, imma meta titħawwel f'ħamrija tajba u tissaqqa fis-sajf tikber malajr. Għandha weraq aħdar jgħajjat u jagħti dehra sabiħa. Hija tista' tintuża bħala lqugħ għar-riħ, bħala bordura jew sempliċiment għad-dell u t-tiżjin.

Sa 30 sena ilu l-għargħar kienet kważi minsija għal kollox, imma fl-1992 intgħażlet bħala s-siġra nazzjonali ta' Malta. Minn dakinhar bdiet titħawwel aktar fil-ġonna u llum hija aktar mifruxa minn qabel. Il-Kumitat Siġar fl-iSkejjel dawn l-aħħar snin qed iħajjar lill-iskejjel iħawlu l-għargħar fil-ġnien tagħha, u fil-fatt ħafna skejjel dan qed jagħmluh.



il-prinjol

Desirée Falzon

Il-masġar **Charles F Grech**

[1] **prinjol**: il-frott tas-siġar koniferi, bl-ingliż cones

Stramba kif siġra li tikber fin-nixfa... semmewha għargħar!



**FAL**

**Żgħażagħ BirdLife Malta**



# RaptorCamp!

Kull sena f'Settembru norganizzaw kamp fil-Buskett li jismu RaptorCamp. L-għan ta' dan il-kamp huwa li nedukaw lill-parteċipanti u nagħtuhom opportunità josservaw it-tajr tal-priża li f'dawk il-ġimgħat ikunu qed ipassu minn fuq Malta.

Peress li Malta neqsin mis-siġar, il-Buskett huwa importanti ħafna għat-tajr tal-priża. Is-siġar jipprovdu ħabitat u kenn perfett fejn it-tajr jista' jinżel jistrieħ jew jorqod, waqt li jkun qiegħed ipassi.

Għalhekk ir-RaptorCamp għandu għan ieħor importanti. Waqt li nkunu l-kamp inkunu qegħdin attenti għal xi sinjali ta' kaċċa fil-Buskett. Kif probabbli tafu, il-Buskett huwa santwarju ta' l-għasafar, u għalhekk il-kaċċa fil-Buskett hija illegali għal kull tip ta' għasfur u matul is-sena kollha.

Jekk tridu tosservaw u tammiraw is-sbuħija ta' dawn l-għasafar, mela qisu li tipparteċipaw fir-RaptorCamp u nassigurakom li tkun esperjenza sabiħa.

Narawkom hemm.



baghdan ahmar

**Matthew Borg Cardona**
Ko-ordinatur Falko

Ir-RaptorCamp se jsir fil-**25-30 Settembru 2006**. Għal iktar dettalji ċemplu lil Matthew Borg Cardona (99886811) jew lil Simon Sultana (79094104). Tistgħu wkoll tibagħtu email fuq **raptorcamp@gmail.com**

# erba' bramiet...



Pelaġja
tkun fir-roża jew lilà

Aħna n-naturalisti lin-natura nħobbuha, mhux nibżgħu minnha! Jekk inkunu f'xatt il-baħar u naraw il-bram, flok noqogħdu nitwerwru, tajjeb li nieħdu interess u nippruvaw nagħrfuhom. B'xorti tajba biex nagħmlu dan m'hemmx bżonn immissuhom. Dawn li hawn fir-ritratti huma erba' speċi li nistgħu naraw. L-iktar komuni hija l-pelaġja.



Riżostoma
umbrella bajdanija bix-xifer vjola



Awrelja
biċ-ċrieki bojod f'nofs l-umbrella



Kotiloriz
orangjo b'tikki vjola max-xniexel



# Enerġija

**Issa li qegħdin fl-eqqel tas-sajf ikollna ġenn biex nixegħlu l-fann jew l-airconditioner biex niffriskaw ftit! Ġieli tieqfu biex taħsbu dwar l-enerġija li biha jaħdem dak il-fann? U dawk il-kompjuters, towsters, bozoz u l-affarijiet l-oħra kollha li nużaw kontinwament, li lkoll jaħdmu bl-elettriku?**

Il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku f'Malta tiddependi miż-żejt, li aħna nixtruh u nimpurtawh minn pajjiżi oħra. Dan jinħaraq fil-power stejxins u jiġġenera l-elettriku, li mbagħad jitwassal fi djarna. Dan il-proċess jinvolvi ħafna spejjeż finanzjarji u ambjentali. Meta jinħaraq, iż-żejt jiġġenera tniġġis ta' diversi tipi, li għandu impatti ħżiena fuq l-ambjent u fuq saħħitna. Sfortunatament, f'pajjiżna ftit li xejn bdejna nużaw teknoloġiji rinovabbli[1], ħlief ftit solar water heaters. Dawn it-teknoloġiji jagħmlu ħafna inqas ħsara ambjentali mir-riżorsi tradizzjonali ta' faħam, żejt u gass, dawk li ngħidulhom fossil fuels.

Żgur li llum diffiċli ngħixu bla elettriku u mingħajr il-kumditajiet kollha li drajna bihom! Imma sa ma jibdew jintużaw it-teknoloġiji rinovabbli, aħna min-naħa tagħna nistgħu nibdew ngħinu biex intaffu l-problema. Nistgħu ngħinu billi nnaqqsu l-ħela. Kif? X'ħela hi?

Ħafna enerġija tinħela bi traskuraġni u mhux bi bżonn. Jekk nagħmlu sforz biex nagħmlu tibdil żgħir f'ħajjtina, nistgħu nagħmlu differenza kbira. U fl-istess ħin innaqsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma!

**Allura x'nistgħu nagħmlu aħna bħala individwi?**
Ħafna affarijiet! Per eżempju…

- Ma nimlewx il-kitla iktar milli għandna bżonn.
- Ma nħallux l-ilma nieżel għalxejn, eż waqt li naħslu snienna.
- Fejn nistgħu, nieħdu xawer flok banju.
- Ma nħallux il-water heater mixgħul meta ma nkunux se nużawh.
- Ma nużawx ilma sħun meta m'hemmx għalfejn.
- Ma nħallux twieqi u bibien miftuħin fejn qed nużaw airconditioner.
- Ma nżommux l-airconditioners fuq temperaturi baxxi jew għoljin esaġerat.
- Ma nħallux appliances mixgħulin meta ma nkunux qed nużawhom.
- Niċċekjaw li nkunu tfejna d-dwal qabel noħorġu mill-kamra.
- Ma nħallux televixins u kompjuters fuq stand-by meta nistgħu nitfuhom.
- Nagħlqu l-purtieri u persjani fis-sajf meta rridu l-frisk ġewwa.
- Nużaw bozoz florexxenti u energy-saving kull meta huwa possibli.
- Niċċekjaw li nagħlqu l-friġġ sew.
- Ikel sħun inħalluh jibred qabel ma ndaħħluh fil-friġġ.
- Inħajru lil ħaddieħor isir konxju mill-ħela ta' enerġija, u nħajruh ibiddel l-imġiba tiegħu.

[1]**teknoloġija rinovabbli:** sistema li biha nieħdu enerġija mir-riħ jew mix-xemx.

## X'inhuma **fossil fuels?**

Il-faħam, iż-żejt u l-gass jgħidulhom **fossil fuels** għax iffurmaw minn fdal ta' pjanti u annimali miljuni ta' snin ilu.

Il-faħam, per eżempju, ġej kollu minn fdal ta' foresti umdi li għexu ħafna qabel ma tfaċċaw id-dinożawri. Weraq u friegħi li waqgħu minn dawn il-foresti biż-żmien intradmu fit-tajn u biċ-ċaqliq ta' l-art niżlu fil-fond taħt l-art. Wara miljuni ta' snin, bil-pressa tremenda tal-blat fuqu u bis-sħana ta' taħt l-art, dak is-saff ta' njam antik sar faħam.

Il-bniedem tgħallem li mill-ħruq tal-fossil fuels jista' jagħmel l-elettriku, u għalhekk beda jħaffer għalihom fil-blat.

Mn'alla kienu l-fossil fuels għalina. Imma b'xorti ħażina għandhom żewġ problemi kbar:

- meta jinħarqu jifforma ħafna $CO_2$ - gass li minħabba fih qiegħda tisħon il-klima tad-dinja.
- Dalwaqt jispiċċaw!



Kultant fil-faħam isibu forom ta' weraq antik, bħal din il-werqa felċi fir-ritratt. Dan ifakkarna li l-faħam kien darba pjanti!



# Sibtha fix-Xibka!

## Websajts fuq in-natura mill-internet

# rspb kids




**issibuha f'dan l-indirizz:**
**http:// www.rspb.org.uk/youth**

Is-sajt ta'dil-ħarġa tgħallimna kif tfal f'għaqdiet ambjentali barranin jaħdmu għall-gid ta' l-għasafar f'pajjiżhom. L-RSPB hija l-BirdLife Ingliża.

Id-divertiment u t-tagħlim jimxu id f'id f'din il-websajt. F'*Rook's Binocular Birdwatch* araw kemm jirnexxielkom tagħrfu għasafar fil-ġnien, fil-grawnd ta' l-iskola jew fil-kampanja. Hemm rokna fejn tistgħu tagħtu kulur lill-għasafar, u għal min iħobb juża idejh hemm kif tagħmel għasafar bl-ispag, tħawwar kejk għall-għasafar u anke kif toħloq riserva naturali żgħira. Fil-parti *Learn* nitgħallmu kif l-għasafar jadattaw għall-ambjent ta' madwarhom, kif isibu u jaqbdu l-ikel u xi tkun *food chain*. Meta tużaw il-*Migration Route Map* taraw ir-rotta li jieħdu xi għasafar meta jpassu. Insomma, bħas-soltu għandkom biex tgħaddu ftit ħin ġmielu tgawdu din is-sajt.

**Janet** u **Amy Gerardi**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi tal-BirdLife**
- **stiker bil-kulur**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta,
flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______
Fejn imur skola? ______

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
membership number ______ telefon ______ imejl ______
Fejn tmur skola? ______

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).


ħanfusa



# NAMĪB

kitba u ritratti ta' **Alison Buttiġieġ**

**Ftit hawn postijiet fid-dinja ostili daqs id-deżert tan-Namib, fin-nofsinhar ta' l-Afrika. Imma fejn ma sabx irkaptu l-bniedem, sabet in-natura li ħolqot bilanċi ferm interessanti biex tgħix anki hawn.**

In-Namib huwa probabbli l-eqdem deżert fid-dinja. Għalhekk l-annimali u l-pjanti kellhom ħafna żmien biex jadattaw għall-ħajja kiefra t'hawnhekk. Fin-Namib mhux l-ewwel darba li jgħaddu 10 snin bla qatra xita! Kif jista' ikun hawn il-ħajja mingħajr ilma?


skwiril tad-deżert

Ir-risposta tinsab fiċ-ċpar li spiss jidħol mill-Oċean Atlantiku għal fuq id-deżert. Il-pjanti jassorbu n-nida minn dan iċ-ċpar, u dik in-naqra hi biżżejjed biex jgħixu huma u l-annimali li jikluhom, bħan-ngħama (ostrich) u l-gemsbok (oryx). Ħanfus inġenjuż, fi ġranet taċ-ċpar, jitilgħu fuq l-ogħla għarma ramel[1], joqogħdu fuq rashom qishom se jagħmlu kutrumbajsa, u ċ-ċpar jikkondensja ma' daharhom u joħloq qtar prezzjuz li mbagħad huma jixorbu.

Gremxul u wiżgħat jieklu biċċiet żgħar ta'annimali mejtin li jsibu fir-ramel, u skwirils tad-deżert jużaw denbhom bħala umbrella għad-dell biex ikunu jistgħu joħorgu jieklu fl-eqqel tas-sħana, meta jkun hemm inqas predaturi.

In-Namib għandu varjetà ta' ħabitati, mhux ramel biss. Allura nsibu annimali li wieħed ma jimmaġinahomx fid-deżert, bħal iljunfanti. Iktar stramba hi l-preżenza ta' kolonji ta' foki (cape fur seals) peress li d-deżert jasal sewwa sew sa xatt il-baħar. Il-foki naturalment jieklu ħut li jaqbdu mill-baħar, imma huma stess jaqgħu vittma ta' xakalli, jeni u anke ljuni. Ħaġa ta' l-iskantament kif in-natura jirnexxielha tirbaħ u titkattar anka f'din id-dinja estrema.





xakall ta' dahru iswed


Il-**welwitschia** hija l-ispeċjalità tan-Namib. Dil-pjanta tista' tgħix 2500 sena f'dawn il-kundizzjonijiet ħorox, u żżomm għal ħajjitha kollha l-istess żewġ werqiet li tinbet bihom! Dawn ikunu forma ta' żigarelli wesgħin li maż-żmien jitwalu u jirrumblaw f'forom strambi madwar il-pjanta.


cape fur seal

[1]**għaram tar-ramel** (bl-ingliż *sand dunes*) huma munzelli kbar ta' ramel li jiffurmaw bir-riħ jew bil-mewġ.

# Ċaw ċaw?

BirdLife MALTA



## Ħondoq ir-Rummien

Ħondoq ir-Rummien hija bajja żgħira fin-naħa t'isfel ta' Għawdex. Fis-sajf jinżlu hemmhekk ħafna familji jgħumu, fix-xhur l-oħra jkun għall-kwiet fejn issaltan l-għanja tal-merill u r-riħa tax-xorbett.

Issa hemm proġett biex dan kollu jispiċċa u l-post jimtela bil-bini. Jekk jiġri hekk, addio merill, u addio xorbett.